# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 10 ta' April, 2019

**Rikors Numru : 28/2019 JPG**

**Kawza Numru : 20**

**BM**

**Vs**

**PG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' BM, datat 18 ta' Jannar 2019, a fol 1, li jaqra hekk:

*Illi l-kontendenti zzewgu nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009) u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li kopja tieghu qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala "Dok A";*

*Illi minn dan iz-zwieg ma twieldu ebda ulied;*

*Illi l-partijiet ilhom separati de jure mill-hdax (11) ta' Gunju tas-sena elfejn u erbatax (2014) b'kuntratt ta' separazzjoni vigenti bejniethom fl-Atti tan-Nutar Dr Josef Christian Masini Vento, kopja ta' liema kuntratt tinsab hawn annessa u mmarkata bhala "Dok B";*

*Illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni personali gie dikjarat li l-kontendenti iddekadew mid-dritt ghal manteniment minghand xulxin u kwindi m'hemm ebda manteniment li ghandu jithallas;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni stante illi l-partijiet jghixu hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi in sostenn tat-talbiet tieghu, l-esponenti qieghed jipprezenta affidavit hawn anness u mmarkat "Dok C";*

*Illi ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, ir-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma kollha sodisfatti, skond kif tirrikjedi l-Ligi u kwindi m'hemm l-ebda impediment ghall-hall taz-zwieg;*

*Għaldaqstant ir-rikorrenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha, prevja d-dikjarazzjoni necessarji u moghtija l-provvediemnt opportuni:*

i. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet skond l-Artikolu 66D tl-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

ii. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi żmien imħolli għal daqshekk, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**BM** xehed illi l-partijiet izzewgu fis-27 ta' Gunju 2009 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fil-11 ta' Gunju 2014 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsensewali. Xehed illi minn dan

iz-zwieg ma twieldux tfal, u illi m'hemm l-ebda manteniment li ghandu jithallas skont il-kuntratt ta' separazzjoni. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**PG** xehdet permezz t'affidavit a fol 15 a fol 18 *et seqq* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat;**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-27 ta' Gunju, 2009 (Vide Dok A, a fol 3) u li minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx ulied;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 11 ta' Gunju 2014, fl-atti tan-Nutar Dr Josef Christian Masini Vento (Vide Dok B a fol 4 et seqq.);

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, u li l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrent irnexxilu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex iz-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**In vista tad-dikjarazzjoni li saret mir-rikorrent fil-verbal tat-8 ta' Marzu 2019, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu kollha a karigu tar-rikorrent.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**